**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta' Jannar 2023**

Rikors Numru: 321/22 AL

A B

vs

C D B

(M.R. Numru 886/2004)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata C D B fis-sitta ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (06.06.2004) ġewwa il-Belt Valletta u z-zwieg ta' dina l-koppja gie registrat fir Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv tmien

mija sitta u tmenin tas-sena elfejn u erbgha (886/2004) (Certifikat taz-zwieg anness Dok A).

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is separazzjoni personali permezz ta kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Matthew Nicholas Borg tal-hdax ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (11/01/2019)-(Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni- Dok B).

3. Illi wild il-partijiet E hija minorenni li twieldet fit-13 ta' Marzu 2009 u li ghaliha hemm provdut il-hlas ta' manteniment skond il-provedimenti tal-kuntratt ta' separazzjoni;

4. Illi għaddiet aktar minn sena mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u għad-divorzju tal partijiet.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' C D B hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Lulju, 2022;

Rat in-nota tal-intimata kif ukoll id-dikjarazzjoni guramentata taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi l-intimata tablet li tigi awtorizzata li tirriverti ghal kunjom xbuitha u cioe` "F", il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Jannar 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` "F", qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.